

Brussell, 6 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11588/26

PUBLIC 53
INF 211

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - JANNAR 2026

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub f'Jannar 2026.¹

Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (bil-korsiv).

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub,²
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali.

Informazzjoni dwar atti oħra adottati mill-Kunsill tista' tinstab fuq il-paġna web iddedikata tal-Kunsill, taħt it-taqsimha "Laqgħat"³. Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill: [Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill - Consilium](#)

¹ Minn Jannar 2026, is-sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill ser jinkludu biss informazzjoni dwar atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-[regoli ta' proċedura tal-Kunsill](#) "Għandu jiġi mfassal kull xahar mis-Segretarjat Ġenerali sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub. Dan is-sommarju għandu jkun fih id-dikjarazzjonijiet possibbli maħsuba sabiex jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill. Il-partijiet ta' dan is-sommarju li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi għandhom ikunu pubblikati."

² Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-adozzjoni mill-Kunsill u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

³ <https://www.consilium.europa.eu/mt/home/>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq: <https://www.consilium.europa.eu/mt/documents/public-register/request-document-form/>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

Proċeduri bil-miktub

Proċedura bil-miktub konkluża fil-5 ta' Jannar 2026	CM 5563/25 REV1
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2642 tat-22 ta' Diċembru 2025 dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026 ĠU L, 2025/2642, 23.12.2025	16574/1/25 REV1
Proċedura bil-miktub konkluża fid-9 ta' Jannar 2026	CM 1076/26
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/88 tad-9 ta' Jannar 2026 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala ĠU L, 2026/88, 12.1.2026	16010/25
<i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/287 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/87 tad-9 ta' Jannar 2026 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/287 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala ĠU L, 2026/87, 12.1.2026	16012/25 + REV 1 (sl)
Avviż għall-attenzjoni tal-persuni koperti mill-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/88, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/287, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/87 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala ĠU C, C/2026/232, 12.1.2026	16013/25 + COR 1

Proċedura bil-miktub konklużi fid-9 ta' Jannar 2026	CM 1113 /26
<i>Ftehimiet bejn l-UE u l-Mercosur</i>	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/185 tad-9 ta' Jannar 2026 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra ĠU L, 2026/185, 27.2.2026	12442/25
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra	12443/25
Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra ĠU L, 2026/186, 27.2.2026	12450/25 + ADD 1-14
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/183 tad-9 ta' Jannar 2026 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra ĠU L, 2026/183, 27.2.2026	12417/1/25 REV 1
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra	12418/1/25 REV 1
Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra ĠU L, 2026/184, 27.2.2026	12419/25 + ADD 1-13
Dikjarazzjoni Nazzjonali tal-Ungerija dwar il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra	
Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur ser jgħin biex l-esportazzjonijiet annwali tal-UE lejn il-Mercosur jiżdiedu b'39 % u biex jiġu ffrankati biljuni ta' euro f'dazji doganali kull sena. Madankollu, fil-fehma tagħna l-ftehim fih numru ta' impatti negattivi fuq l-agrikoltura Ewropea u l-għajxien tal-bdiewa, il-kompetittività, u s-sigurtà tal-ikel. Is-sitwazzjoni hija kkomplicata aktar minnħabba li l-ftuħ tas-suq tal-UE għall-Ukrajna fl-istess ħin tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur ser jiddestabbilizza s-settur agrikolu Ewropew kollu kemm hu. Il-proposta għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u	

l-Mercosur ma tagħtix biżżejjed opportunitajiet lill-bdiewa fl-Ungerija, u barra minn hekk, il-merkanzija prodotta u importata mill-pajjiżi tal-Mercosur ġeneralment ikollha tissodisfa standards ta' produzzjoni aktar baxxi minn dawk Ewropej. L-Ungerija tkompli tinsisti li l-prodotti li jidħlu fl-Unjoni Ewropea jridu jikkonformaw ukoll mar-regoli tal-UE dwar l-ikel prodott fl-UE, inkella l-bdiewa fl-UE jitpoġġew fi żvantaġġ kompetittiv, li ma nistgħux nippermettu. It-tieni u t-tielet l-akbar produttori ta' għelejjel ĠM huma l-Brażil u l-Arġentina, is-seba' huwa l-Paragwaj u l-għaxar l-Urugwaj, u għalhekk it-tifrix ta' għelejjel minn dawn il-pajjiżi fl-Ewropa u fl-Ungerija jmorru kontra l-istrategġija tal-Ungerija ta' għelejjel ħielsa minn OĠM. Barra minn hekk, l-abbozz ta' regolament li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali ma jinkludix l-aspettattiva fundamentali tagħna rigward element reġjonali sabiex Stati Membri bi swieq iżgħar, bħall-Ungerija, ikunu jistgħu jinfurzwaw id-drittijiet tagħhom. Għaldaqstant, l-Ungerija ma tappoġġax l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur. B'rabta mal-Artikolu 5.1 u l-Artikolu 5.4 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur, l-Ungerija tindika li għadha impenjata bis-sħiħ li tiżgura l-ġustizzja u r-responsabbiltà għall-aktar delitti serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi inkluż il-ġenoċidju, id-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità kemm abbażi tal-leġiżlazzjoni kriminali domestika tagħha, f'konformità mal-prinċipju tal-universalità, kif ukoll li għadha ddedikata lejn l-appoġġ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti kollha fil-livelli internazzjonali u nazzjonali bil-ħsieb li jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effettivi ta' dawn id-delitti. L-Ungerija jiddispjaċiha dwar il-politiċizzazzjoni reċenti ta' ċerti deċiżjonijiet minn forum ġudizzjarju internazzjonali daqstant importanti, li wasslu biex l-Ungerija nnotifikat lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-irtirar tagħha mill-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fit-2 ta' Ġunju 2025. L-irtirar mill-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali huwa mingħajr preġudizzju għat-tweqqif tal-obbligi tal-Ungerija li jirriżultaw mid-dritt tal-UE. Sa mill-bidu tal-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015, l-Ungerija enfasizzat b'mod konsistenti li l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni għandhom jiġu indirizzati fuq livell lokali, fil-punt ta' oriġini tagħhom; għaldaqstant, l-Ungerija tilqa' l-estenzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur biex tinkludi dan il-qasam wkoll. B'rabta mal-Artikolu 6.1, u f'konformità mal-pożizzjonijiet preċedenti tagħna, nenfasizzaw li l-migrazzjoni legali tibqa' kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali. Konsegwentement, nimplimentaw il-politika dwar il-migrazzjoni tagħna abbażi tas-sovranità nazzjonali tagħna. L-Ungerija m'adottatx il-<i>Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari</i>, u ma tipparteċipax fl-implimentazzjoni tiegħu għax nemmnu bis-sħiħ li l-migrazzjoni ma għandha l-ebda impatt pożittiv fuq it-tkabbir u l-iżvilupp inklużiv, inkluż l-iżvilupp soċjali.	
Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Mercosur	
Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, il-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur ser jgħin biex l-esportazzjonijiet annwali tal-UE lejn il-Mercosur jiżdiedu b'39 % u jiġu ffrankati biljuni ta' euro fdazji doganali kull sena. Madankollu, fil-fehma tagħna l-ftehim fih numru ta' impatti negattivi fuq l-agrikoltura Ewropea u l-għajxien tal-bdiewa, il-kompetittività, u s-sigurtà tal-ikel. Is-sitwazzjoni hija kkomplikata aktar minħabba l-fatt li l-ftuħ tas-suq tal-UE għall-Ukrajna fl-istess ħin tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur ser jiddestabbilizza s-settur agrikolu Ewropew kollu. Il-proposta għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur ma tagħtix biżżejjed opportunitajiet lill-bdiewa fl-Ungerija, u barra minn hekk, il-merkanzija prodotta u importata mill-pajjiżi tal-Mercosur ġeneralment ikollha tissodisfa standards ta' produzzjoni aktar baxxi minn dawk Ewropej.	

L-Ungerija tkompli tinsisti li l-prodotti li jidħlu fl-Unjoni Ewropea jridu jikkonformaw ukoll mar-regoli tal-UE dwar l-ikel prodott fl-UE, inkella l-bdiwa fl-UE jitpoġġew fi żvantaġġ kompetittiv, li ma nistgħux nippermettu. It-tieni u t-tielet l-akbar produttori ta' għelejjel ĠM huma l-Brażil u l-Arġentina, is-seba' huwa l-Paragwaj u l-għaxar l-Urugwaj, u għalhekk it-tifrix ta' għelejjel minn dawn il-pajjiżi fl-Ewropa u fl-Ungerija jmorru kontra l-istrateġija tal-Ungerija ta' għelejjel ħielsa minn OĠM. Barra minn hekk, l-abbozz ta' regolament li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali ma jinkludix l-aspettattiva fundamentali tagħna rigward element reġjonali sabiex Stati Membri bi swieq iżgħar, bħall-Ungerija, ikunu jistgħu jinfurzw id-drittijiet tagħhom. Għaldaqstant, l-Ungerija ma tappoġġax l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur.	
Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Jannar 2026	CM 1214/26
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina	16233/25
<i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/386 li jistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/386 li jistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina	16297/25
Avviż għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-gruppi, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/122, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/386, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/123 dwar miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina ĠU C, C/2026/387, 19.1.2026	16299/25 + COR 1
Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Jannar 2026	CM 1243/26
<i>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488</i> Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew	16311/1/25 REV 1